**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jessica Bezzina)**

**vs**

**Mohamad Tlas**

**Kumpilazzjoni Numru 598/2020**

**Illum 27 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi fil-konfront ta' Mohamad Tlas detentur tal-karta tal-identità numru 0244164(A) akkuzat talli ghall-habta tal-14:47 hrs fit-30 ta'Settembru 2020 fi Triq Belvedere il-Gzira:

1. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anthony Borg ta' 73 sena hekk kif ic-certifikat mit-tabiba Dr Lara A. Testa reg 3695 tad-Dipartiment tal-Kura Primarja l-Gzira;

2. B'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-kodici kriminali, kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

3. Minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin kontra Anthony Borg.

Il-Qorti giet mitluba li f'kas ta' htija jigu applikati l-provvedimenti tal-artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Anthony Borg billi jigu applikati l-provvedimenti tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta malta.

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotta kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Novembru elfejn u ghoxrin (2020) li biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**:

Illi semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Jessica Bezzina** li kkonfermat li sar rapport mill-parte civile Anthony Borg li allegatament kien gie msawwat mill-imputat u li frott dan l-incident Borg garrab griehi hfief izda peress li huwa ghandu età ta' aktar minn sittin sena r-reat

kien jigi kkunsidrat bhala aggravat. Ix-xhud ipprezentat ir-rapport tal-PIRS li gie mmarkat bhala Dok JB7 u certifikat mediku ta' Anthony Borg mill-Kura Primarja Floriana (Dok. JB8) li juri illi Anthony Borg kellu griehi hfief dakinhar tal-incident konsistenti fi *"Multiple bruises on the left forearm and superficial abrasion, superficial abrasions left knee lateral aspect, superficial abrasion over the left heel, pain in the neck".*

Xehed l-allegat vittma u cioè **Anthony Borg** li jghid illi fit-triq inkwistjoni kienu qeghdin isiru xi xoghlijiet ta' kostruzzjoni u ghamel ilment mas-*site manager* li kien qed itir hafna trab. Dan is-*site manager* wieghdu li kien ser jghid lil min kien qed jahdem hemmhekk li kien l-imputat ghalkemm ma kienx cert mija fil-mija. Ix-xhud ikompli jghid illi meta dan is-*site manager* kellem lill-imputat, dan tal-ahhar qallu li ma kienx ser jieqaf. Ix-xhud qallu biex juza l-*vacuum cleaner* sabiex ma jtirx it-trab izda l-imputat qallu li din kienet bil-hsara u ma jistax juzaha. Jghid ukoll testwalment:

| | |
|---|---|
| *"Anthony Borg:* | *Ehe. Qalli: "Il-vacuum cleaner bil-hsara". Ghidtlu: "Bil-hsara ghax tistadlek," ghidtlu: "trid tnaddafha kull hames minuti ghax il-vacuum cleaner zghira u l-head kbira. Allura trid tnaddafha kull hames minuti qisek". Qalli: "Jien ma nistax nieqaf kull hames minuti". Qalli: "Jien ghala, ghala z-zetta minnek". Ghidtlu: "Anke jien." Ghidtlu: "Ejja ha nurik." Hrigt il-mobajl ghax kont qed* |

| | |
|---|---|
| *Magistrat:* | *Kont qed tirrekordjah?* |
| *Anthony Borg:* | *Ehe li urejtulu u. Ghidtlu: "Ha nurik". U nizel ghalija u nizel, u meta nizel gie bil-, bil-, bic-chipping hammer* |
| *Magistrat* | *Ehe?* |
| *Anthony Borg:* | *u gie ghalija. Li kieku ma kienx hemm is-Site Manager u hareg haddiehor minn gewwa izommuh kien iwegghani u.* |
| *Spettur Bezzina:* | *Issa huwa x'ghamel, huwa x'ghamel b'dan ic-chipping hammer?* |
| *Anthony Borg:* | *Meta dawn bdew izommuh tefahuli l-picking hammer.* |
| *Spettur Bezzina:* | *Tefahulek x'jigifieri?* |
| *Anthony Borg:* | *Garahuli.* |
| *Spettur Bezzina:* | *Garahulek.* |
| *Anthony Borg:* | *Jien warrabt min-nofs hekk u mort biex nigbru biex ma jergax.* |
| *Spettur Bezzina:* | *Huwa laqtek jigifieri?* |

| | |
|---|---|
| *Anthony Borg:* | *Le warrabtlu. Warrabt min-nofs jien.* |
| *Anthony Borg:* | *Umbaghad qisu gie kulhadd fuqi ghal dan il-picking hammer u tefghuni mal-art, kissruli l-mobajl.* |
| *Spettur Bezzina:* | *Sekonda min tefghek mal-art?* |
| *Anthony Borg:* | *Ifhimni kulhadd hu u dawk it-tnejn li kienu qed izommuni, qed izommuh lilu. Kulhadd qisu, hu gie biex jien mort biex nigbor il-picking hammer biex ma jergax jiehdu hu, hu gie forsi jghidlek il-picking hammer ikun ghandu anyway li gara jien sibt ruhi mal-art bil-mobajl imtajjar u mkisser u, l-picking hammer gibdu wiehed minn dawk li kienu qed izommu u tefghu gewwa u mbaghad qabad briksa u tefahieli.* |
| *Spettur Bezzina:* | *Min qabadha din il-briksa u min tefahielek?* |
| *Anthony Borg:* | *Hu l-istess bniedem li kien qed jaghmel din l-affari umbaghad harab. Sadanittant kienu hargu hafna nies fit-triq iwerzqu u hafna ghajjat u gew il-pulizija u kont imbengel kollni u l-Pulizija baghtuni l-Polyclinic umbaghad."* |

Ix-xhud ipprezenta kopja tal-karta tal-identità tieghu li giet mmarkata bhala Dokument AB1 u li tikkonferma li x-xhud ghandu aktar minn sittin (60) sena.

Semghet ukoll lil **Kevin Fenech** li kien is-*site manager* tal-post li kien qed isir ix-xoghol fih u jghid illi huwa kien qal lill-imputat sabiex juza *vacuum cleaner* ghaliex kien qed itajjar hafna trab u jghid illi Anthony Borg urielu vidjow li juri t-trab itir. Ikkonferma l-kliem li ntqal bejn Borg u l-imputat fuq il-*vacuum cleaner*. Ikkonferma li l-imputat qabad ic-*chipping hammer* u beda gej ghal Borg ghaliex skont hu l-imputat tilef ir-raguni u mar biex icapcaphielu bih. Jghid illi meta ra hekk, hu u tifel iehor ipprovaw izommu lill-imputat. Jghid illi meta ra hekk Anthony Borg beda jimxi lura u waqa' mal-art imbaghad l-imputat waddab dan ic-*chipping hammer* lejn fejn kien Borg izda ma laqtux. Ikkonferma wkoll illi l-imputat waddab briksa lejn Borg izda dan ma laqtux.

Fuq ri-ezami ta' **Anthony Borg** u dan peress illi hareg mix-xhieda ta' Kevin Fenech li Borg waqa' u mhux waddbuh mal-art u wara li gie kkonfrontat mal-istqarrija li kien ta lill-Ispettur Bezzina wara l-incident fejn kien qal illi l-imputat waddbu mal-art huwa biddel il-verzjoni u jghid illi ma jiftakarx min kien waqqghu.

Fuq ri-ezami ta' **Kevin Fenech** rigward id-dubju sollevat kif ezattament waqa' Anthony Borg u wara li l-prosekuzzjoni ddikjaratu bhala xhud ostili, giet ipprezentata d-dikjarazzjoni tieghu (Dok. JB6) fejn dan kien stqarr a tempo vergine li l-imputat kien mar ghal Borg bic-*chipping hammer* u waddabhulu izda ma

laqtux. Anthony Borg mexa lura u waqa' u Mohamad mar fit-trakk sabiex igib seratizz u hadida. Xhin l-imputat ra li Borg rega' qam minn mal-art l-imputat rema' l-hadida u s-seratizz u mar ghalih b'idejh vojta, imbotta lil Borg fejn dan tfixkel fil-bankina u waqa' mal-art.

Finalment xehed l-imputat **<u>Mohamad Tlas</u>** fejn dan ikkonferma li kien sar argument fuq it-trab, imma jghid illi Borg beda joffendih u x-xhud imbuttah ftit ghaliex jghid li dan gie biex isawwtu u b'hekk Borg waqa' mal-art.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi mill-provi li hargu dak li hu car daqs il-kristall huwa li qamet din il-kwistjoni bejn l-imputat u Anthony Borg fuq l-ammont tat-trab li kien qieghed itir fl-arja minhabba xoghlijiet ta' kostruzzjoni li kien qed isir mill-istess imputat.

Dak li hu car ukoll, indipendentement mill-kliem li ntqal wiehed lill-iehor, hu li l-imputat Mohamad Tlas resaq lejn Borg bic-*chipping hammer* f'idejh. Illi l-ewwel xhieda ta' Kevin Fenech kienet wahda cara meta jghid illi Borg waqa' wahdu ghaliex resaq lura meta dan ra lil Tlas gej ghalih. Dan jikkombacja mal-ewwel xhieda tal-istess Borg fejn jevita li jsemmi lill-imputat li waddbu mal-art izda jsemmi xi nies li taru fuqu minghajr ma jsemmi min. Illi fit-tieni depozizzjoni tieghu lanqas ma kkonferma b'mod car illi kien l-imputat li waddbu mal-art. Huwa car però illi l-imputat mar biex jahbat ghal Borg izda fl-ebda mument ma laqtu b'xi oggett jew ma

waqqghu mal-art. Jekk Borg waqa' dan kien sfortunatament ghaliex resaq lura u tfixkel fil-bankina. Illi di piu' minn ezami tal-griehi sofferti dawn huma kompatibbli ma' waqgha b'lura u ghalhekk tkompli tigi kkonfermata l-verzjoni li Borg waqa' b'mod accidentali u mhux b'konsegwenza diretta ta' azzjoni nflitta mill-akkuzat.

Illi f'sitwazzjoni meta l-Qorti tigi konfrontata b'verzjonijiet konfliggenti, f'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn intqal li:

> *"jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor."*

L-istess insenjament giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012 fejn intqal hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda*

*differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*"

Fil-kawza **Il-Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet li:

> *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx."*

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma hijiex konvinta illi l-konsegwenza diretta tal-waqgha tal-parte civile kien xi agir tal-imputat izda hija aktar verosimili l-verzjoni li l-parte civile waqa' meta ra lill-imputat gej ghalih u tfixkel fil-bankina. Illi però hareg ampjament car illi l-imputat kien aggressiv mal-parte civile tant li beda jillatika mieghu u waddablu xi oggetti izda ma laqtux.

Ghaldaqstant l-ewwel (1) akkuza ma gietx ippruvata izda t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi gew ippruvati ghaliex kif digà ntqal l-imputat waddab xi oggetti ghal Anthony Borg izda ma laqtux u kien hemm kommossjoni shiha barra t-triq kagun ta' dan l-argument.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Mohamad Tlas** hati biss tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi u tikkundannah ghal

ammenda ta' mitt ewro (€100) filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**